MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 158/2010

**Fl-atti tal-Mandat ta' Zgumbrament numru 212/2010 MB fl-ismijiet**

**Mary Caruana (ID 141726M), Jane Spiteri (ID 96148M), MichaeL Caruana (ID 820751M) Edwin Caruana (ID 113454M) Marthese Celeste (ID 751257M) u Maria Carmen Schembri (ID 22150M)**

**vs**

**Giuseppe Abela (u b'digriet tsd-27 ta' Jannar 2009 giet awtorizzata t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Guzeppi, Alfred, Carmelo, Alfonso, Salvinu, Theresa, U Mary mart Leonard Bonnici lkoll ahwa Abela.**

Il-Bord;

Ra r-rikors  ta' Swallow Limited (C19713) ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 li jghid:

Illi dan il-mandat ta’ zgumbrament gie ottenut mir-rikorrenti sabiex jigu zgumbrati l-intimati mill-fond li jikkonsisti f’garage (bla numru) fi Triq il-Papa, Birzebbuga u dan wara sentenza ta’ dan l-Onorabbli Bord tat-18 ta’ Settembru 2009 fl-ismijiet premessi, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Jannar 2010 (ritrattazzjoni);

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-8 ta’ Jannar 2010 kkonkludiet:

(3) Mhux dan biss izda. Mill-vicenda processwali jinzel ukoll illi, fir-realta`, it-tgawdija tal-garaxx ma baqghetx issir la mill-intimat-inkwilin u lanqas minn ibnu Salvu personalment in kwantu x-charabanc jew charabancs magazzinati fih ma kienux taghhom izda tal-kumpanija Swallow Ltd u tali, kif risaput, ghandha personalita` guridika separata u distinta minn dik ta’ l-azzjonisti taghha. Jikkonsegwi illi mhix korretta l-proposizzjoni ta’ l-appellanti illi l-garaxx baqa’ jintuza minn membri tal-familja tal-kerrej izda unikament, u b’mod esklussiv, mill-kumpanija msemmija. F’dawn id-dati cirkostanzi mhux eskluz illi l-kirja u l-godiment tal-fond ghadda ghal kollox f’idejn il-kumpanija, u dan ad insaputa tas-sidien li, sakemm xehed Saviour Abela, ma kellhomx lanqas konoxxenza taghha. L-appellanti jittantaw jikkonvincu illi l-inkwilin missierhom kien ghad kellu interess fix-xarabank u dan ghal fatt li hu kien azzjonista fil-kumpanija. Fil-kuntest, il-Qorti tirrileva illi, u dan apparti l-fatt li dan sar azzjonista ta’ *share* wiehed fil-mori tal-kawza, xorta wahda l-appellanti ma jistghu jirrikavaw ebda soljev minn dan in kwantu dak l-interess ma kienx baqa’ wiehed personali izda biss in kwantu membru azzjonista fis-socjeta`. Dan biex ma jinghadx ukoll illi minn dak ikkonfessat minn Saviour Abela, missieru lanqas kien baqa’ *shareholder* tal-kumpanija (ara deposizzjoni tieghu fl-udjenza quddiem il-Bord tat-28 ta’ Frar, 2006 a fol. 109);

Illi ghaldaqstant gie determinat definittivament illi s-socjeta esponenti hija d-dettentrici tal-fond in kwistjoni u dan ghab-bazi ta’ titlu illi s-socjeta’ esponenti tgawdi fuq il-fond

imsemmi kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-proceduri, liema titlu bl-ebda mod ma gie infilcjat bis-sentenzi ccitati;

Illi s-socjeta' esponenti qatt ma kienet parti mill-kawza illi ghab-bazi ta' liema sentenza gie ottenut il-mandat odjern u ghaldaqstant, tali l-gudizzju m'huwiex integru fil-konfront taghha;

Illi ghaldaqstant il-mandat odjern ma jistax ikun effikaci fil-konfront tas-socjeta' esponenti u ghandu jigu ddikjarat ineffikaci fil-konfront taghha;

Ghaldaqstant, is-socjeta esponenti bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar il-mandat odjern fil-konfront tas-socjeta' esponenti ghar-ragunijiet fuq premessi;

Ra r-risposta tar-rikorrenti Mary Caruana et li tghid:

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Bord li jirregola l-Kera tat-18 ta' Settembru, 2009 fl-ismijiet ta' din l-istess kawza hekk kif ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Jannar, 2010 kif ukoll ulterjorment fl-istadju ta' ritrattazzjoni fit-30 ta' Gunju, 2010, il-konventuri ritrattandi gew ordnati jizgombraw il-fond fi Triq il-Papa, Birzebbugia.

Illi fl-ewwel lok jigi puntwalizzat li s-socjeta' rikorrenti Swallow Ltd ma ghandha l-ebda locus standi u l-ebda titolu validu stante li kif gie konfermat kemm il-darba matul l-istanzi kollha, l-unika lokazzjoni permessa kienet dik favur il-konvenut Giuseppe Abela biss.

L-anqas ma hu minnu li l-gudizzju f'dawk is-sentenzi ma kienx integru stante li l-kawza kienet infethet quddiem il-Bord li jirregola l-kera kontra Guiseppe Abela f'ismu personalment stante li kien hu li bi ksur tal-ftehim lokattizzju li kien sar fevurieh kien biddel id-destinazzjoni tal-fond u ssulloka u/jew ceda l-lokazzjoni lill-ibnu.

Il-konvenuti stess fl-istadju ta' l-appell, fost l-aggravji taghhom fil-fatt baqghu isostnu;

*Illi ma kienx hemm sullokazzjoni ghaliex Saviour Abela huwa iben il-mejjet Giuseppe Abela (li kien l-inkwilin) u li dawn kienu jahdmu flimkien.*

Il-konvenuti qatt ma eccepew jew b'xi mod semmew din il-kwistjoni ta' integrita tal-gudizzju fir-rigward ta' Swallow Ltd anzi baqaw isostnu biss li ma kienx hemm sullokazzjoni favur hadd.

Wara l-appell intavolat mill-konvenuti irrizulta li l-konvenut Giuseppe Abela mhux biss kien issulloka dan il-garaxx lill-ibnu bi ksur tal-ftehim ma' l-atturi izda kien ukoll sa trasferiment tal-coaches li kienu tieghu favur il-kumpanija kreata minnu  minn ibnu biex b'hekk effettivament, inbidlet ukoll id-destinazzjoni ta' l-istess garage li sar wiehed kummercjali.

Minkejja dan kollu, l-konvenuti kienu baqaw jinsistu li Giuseppi Abela ma kien ghamel l-ebda sullokazzjoni. Huwa biss permezz ta' dan ir-rikors ta' Swallows Ltd li issa  qed jinghad mill-konventi (permezz ta' din il-kumpanija taghhom li qed jinhbew warajha) li Swollow Ltd ghandha xi titolu favuriha meta kienu huma stess li dejjem cahdu li kien hemm sullokazzjoni.

Dak li ssemma' fir-rikors ta' Swollows Ltd mis-sentenza ta' ritrattazzjoni fejn gie kkowtat is-segwenti paragrafu li:

*Mill-vicendi processwali jinzel ukoll illi fir-realta' it-tgawdija tal-garaxx ma baqghetx issir la mill-intimat inkwilin u lanqas minn ibdu salvu  personalment in kwantu x-charabanc jew charabancs magazzinati fih ma kienux taghhom izda tal-kumpanija Swallow Ltd.*

u li gie interpretat mill-istess socjeta' bhala xi rikonoxximent li hija ghandha xi forma ta' titolu, huwa ghal kollox skorrett. Fl-ebda hin ma gie rikonoxxut li din is-socjeta' kellha xi titolu anzi tali sentenza kkonfermat, bhas-sentenzi kollha mill-Bord li Jirregola l-Kera sal-Qorti ta' l-Appell li din is-socjeta' qatt ma kellha ebda titolu validu. Anzi mill-istess paragrafu kwotat mis-socjeta' Swallow Ltd irrizulta wkoll li l-esponenti qatt ma kienu jafu

b'din il-kumpanija ffurmata mill-konvenuti qabel ma kien wiehed mill-konvenuti stess waqt il-proceduri gudizzjarji.

Fi kwalunkwe kaz, il-konvenuti baqghu dejjem jinsistu li ma kien hemm l-ebda sullokazzjoni stante li kienu jafu li ammissjoni ta' sullokazzjoni kienet ser twaqqa' kull eccezzjoni mressqa minnhom peress li ebda sullokazzjoni ma kienet permessa u li kwalsiasi persuna li kien ser ikun qed juza l-garage ghab-bazi ta' sullokazzjoni jkun qed jiddetjeni l-garaxx minghajr titolu. Anzi, matul l-Appell taghhom, il-konvenuti pruvaw idawwru s-sentenza li kienet inqatghet kontrihom billi qalu li ma kienx minnu li Giuseppe Abela kien ghamel xi sullokazzjoni.

Kif diga' inghad, huwa biss issa li l-konvenuti tramite l-imsemmija kumpanija qed jippruvaw jghidu li din ghandha xi titolu favuriha mentri titolu validu favuriha qatt ma seta kien hemm. Dan il-punt kien fil-fatt il-qofol tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell wara li saret ir-ritrattazzjoni;

Ghaldaqstant is-socjeta' Swallow Ltd ma ghandha l-ebda dritt li twaqqaf l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament;

Ghab-bazi ta' provi l-anqas biss jista jirrizulta li qatt saret sullokazzjoni favur Swallow Ltd mill-konvenuti. Kull ma jirrizulta kien li x-xarabanks tal-konvenuti kienu gew trasferiti lil din is-socjeta' minghajr pero ma kienet trasferita l-kera mill-konvenuti ghaf-favur ta' l-istess kumpanija. Li kieku stess kienet saret tali sullokazzjoni, din kienet fi kwalunkwe kaz mhux permess u ghaldaqstant invalida. Fl-ebda kaz, ghaldaqstant ma seta' qatt kien hemmit-titolu favur tali socjeta';

Jidher bic-car li dak li qed jaghmlu l-konvenuti huwa li jinhbew wara l-kappa tas-socjeta' Swallow Ltd li taghha huam ghandhom l-ishma kollha, biex iduru madwar il-kwistjoni ta' res judicata li nholqot kontirhom bis-sentenzi kollha (inkluza dik li inghatat wara li huma talbu ritrattazzjoni) mentri diga hemm tlitt sentenzi li kollha kemm huma ddecidew li kien Giuseppe Abela li kien kiser il-ftehim lokatizzju u li ghaldaqstant l-atturi kellhom kull dritt jiehdu lura l-garaxx inkwistjoni. Certament ghandu

jirrizulta li permezz tar-rikors tas-socjeta' |Swallow Ltd. il-konvenuti qed jippruvaw joholqu r-raba' istanza ta' proceduri – tattika totalment inaccettabbli fil-proceduri Civili;

Il-principji ta' res judicata kif ukoll il-principju dwar il-lifting of the corporate veil ghandhom japplikaw f'dan il-kaz stante li l-konvenuti ma ghandhom jithallew jimxu b'aktar proceduri gudizzjarji biex jimblokkaw l-ezekuzzjoni ta' l-izgumbrament billi jinhbew wara tali kumpanija. Dak li hu cert hu li stante li fil-verita, il-konvenuti huma l-istess nies wara l-kumpanija Swallow Ltd, ir-res judicata stabbilita mis-sentenza precedenti fl-ismijiet fl-okkju ta' din ir-risposta timpedixxi lis-socjeta' Swollow Ltd u lill-istess konvenuti milli jigi ezegwit il-mandat ta' zgumbrament Nru. 212/2010MB. Dan apparti l-fatt li kienu l-konvenuti stess li dejjem innegaw li kienet saret sullokazzjoni mill-konvenut missierhom Giuseppe Abela.

In vista tas-suespost u ta' dak kollu li jista' jigi prodott matul dawn il-proceduri, jirrizulta car li t-talbiet tas-socjeta' Swallow Ltd. ghandhom kollha kemm huma jigu michuda, bl-ispejjez.

Semgha l-provi u lill-partijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi dan huwa digriet ghar-rikors datat 13 t'Awissu, 2010 intavolat minn Swallow Ltd sabiex dan il-Bord joghgbu jirrevoka l-mandat ta' Zgumbrament numru 212/2010MB ;

Illi l-fuq imsemi rikors kien degretat fl-24 ta' Settembru 2010 izda l-Onorabbli Qorti tal-Appell (permezz ta' sentenza tat-2 ta' Novembru 2010) kienet ddikjarat null u bla effett dak id-digriet ta' dan il-Bord u orndat li dak ir-rikors tat-13 t'Awissu ikun deciz mill-gdid;

Illi wara li semgha lil Saviour Abela jirrizulta illi dan il-fond kien mikri originarjament lil missieru u hekk baqa'mikri

izda jintuza minn Swallow Ltd li tieghu huma diretturi l-istess Saviour Abela u missieru;

Jirrizulta ghalhekk illi dan il-fond qatt ma kien sullokat lil Swallow Ltd u dan kien qieghed biss “jintuza” minn din is-socjeta’, haga din li tikkonferma li Swallow Ltd, bhala entita’ indipendenti mid-dirigenti taghha, ma ghandha l-ebda *locus standi* f’dawn il-proceduri u ghalhekk l-izgomberu ordnat minn dan il-Bord fil-15 ta’ Frar 2010 fl-atti tal-mandat ta’ [zgumbrament 212/2010MB ghandu jkun ezegwit skond il-ligi;

Ghal dawn il-motivi jichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrenti tar-rikors odjern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------